21 ta' Frar, 1953.

Imħallef :
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* George Vigo

**Traffiku — Karrozza — Bandiera — Liċenza — Appell — Motivi ta' l-Aggravju — Reg. 59 tal-Motor Car Regulations — Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 24 ta' l-1948.**

*L-appell huwa devolutiv tal-gravami kollha, fis-sens illi l-Qorti tista' tieħu konjizzjoni anki ta' aggravji li ma jkunux issemmew fir-rikors ta' l-appell; salv lill-Prosekuzzjoni, jekk jidhrilha li tkun ġiet sorpriża, li titlob differiment sabiex tipprepara ruħha kontra l-gravam il-ġdid.*

*Ir-regolamenti tat-traffiku jipprojbixxu li jitwaħħlu bandieri fuq vetturi tal-mutur mingħajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija. L-għoti ta' dan il-permess huwa rimess lill-Kummissarju tal-Pulizija; u l-Qorti ma tistax tindaħal fid-diskrezzjoni ta' dak l-uffiċjal dwar l-għoti jew le ta' dan il-permess; għax il-konċessjoni tal-liċenzi jew permessi mhux sindakabili mill-Qrati ħlief meta jkun hemm leżjoni ta' dritt.*

*Jekk il-persuna interessata jidhrilha li r-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija għat-talba għall-permess biex titwaħħal bandiera fuq motor car huwa inġustifikat, dik il-persuna għandha tistitwixxi l-azzjoni appożita quddiem it-tribunal kompetenti. Imma l-fatt li, malgrado dak ir-rifjut, wieħed jaqbad u jwaħħal il-bandiera fuq il-karrozza tiegħu, jikkostitwixxi ksur tal-liġi, u jesponi lil min jikkommetti dak il-ksur għall-konsegwenzi.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-23 ta' Diċembru 1952, l-imsemmi George Vigo ġie misjub ħati talli qiegħed bandiera fuq il-motor car nru. 6377 bla permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, u kundannat għall-piena tal-multa ta' £3, u l-liċenzi tiegħu tas-sewqan ġew sospiżi għal żmien tmint ijiem;

L-imputat appella;

Trattat dan l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-motiv ta' l-aggravju dedott fir-rikors huwa dak li r-regolamenti tat-traffiku, li taħthom ġie kundannat l-appellant, huma nulli, għaliex kienet nulla u "ultra vires" il-liġi li bis-saħħa tagħha saru dawk ir-regolamenti. Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti dan il-gravam ġie rinunzjat;

Id-doljanza issa miġjuba 'l quddiem mill-appellant, hija dik verbalizzata fol. 12, fis-sens li r-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija li jagħti lill-appellant il-permess li jġib bandiera fuq il-car tiegħu kien arbitrarju;

Fid-dibattitu l-Avukat tal-Kuruna osserva, "passim", illi mhux leċitu lill-appellant li jġib 'il quddiem motiv mhux dedott fir-rikors ta' l-appell. Din il-Qorti, kif presjeduta, dejjem irriteniet, però, li l-appell hu devolutiv tal-gravami kollha, salv lill-Prosekuzzjoni, jekk jidhrilha li tkun ġiet sorpriża, li titlob differiment sabiex tipprepara ruħha kontra l-gravam il-ġdid;

Dwar dan l-ilment ta' l-appellant, ikkunsidrat;

Skond il-liġi, l-għoti tal-permess huwa rimess lill-Kummissarju tal-Pulizija. Difatti, ir-regolament numru 95 tat-Traffic Regulations, publikati bil-Govt. Notice 24 ta' l-1948, igħid hekk:— "No person shall display a flag on any motor vehicle without permission from the Commissioner of Police";

Issa, hu paċifiku fil-ġurisprudenza nostrali illi l-Qrati ma jistgħux jindaħlu f'din il-materja ta' konċessjoni ta' liċenzi jew permessi, ħlief meta jkun hemm leżjoni ta' dritt (ara P.A. "Scerri vs. Grech", 28. 4. 1899; App. "Ullo Xuereb vs. Magro", 17. 6. 1908; App. "Marchese Mallia Tabone vs. Stivala ne.", 11. 1. 26; App. "Micallef vs. Bonello", 31. 5. 43);

Għalhekk, meta hemm leżjoni ta' dritt, allura jistgħu jissindakaw l-operat ta' l-awtorità amministrativa, fis-sens tad-deċiżjonijiet fuq ċitati;

Fil-kawża "Spettur Calleja vs. Portelli", deċiża minn din il-Qorti, sedenti l-President Carbone, fis-17 ta' Jannar 1910, ċitata mid-difiża, l-imputat, li kien ġie kundannat mill-Qorti ta' Isfel talli żamm kelb bla liċenza, kien ġie liberat

minn din il-Qorti fuq il-motiv li hu kien talab il-permess, iżda l-Pulizija kienet irrifjutatulu, kif irriteniet il-Qorti, arbitrarjament. L-Imħallef sedenti, bir-rispett kollu għal din id-deċiżjoni u l-ġurista illustri li ppronunzjaha, jaħseb li jkun preċedent perikoluż kieku persuna, li lilha jiġi rifjutat permess mill-Pulizija, tista', jekk jidhrilha li dak ir-rifjut huwa arbitrarju, tieħu l-liġi f'idejha u tagħmel impunement, bla dak il-permess, l-att li għalih il-permess ikun b'liġi meħtieġ. L-Imħallef sedenti jaħseb li jkun aħjar illi f'każ simili dik il-persuna tadixxi t-tribunali kompetenti biex tottjeni mill-awtorità ġudizzjarja, "si et quatenus", ir-rimedju opportun. Ma jidherx sewwa li hija taqbad u tagħmel l-att li għalih huwa meħtieġ il-permess; jekk tagħmel hekk, allura tagħmel hekk għar-riskju tagħha;

Dan fil-każ ta' l-imputat. Jekk hu deherlu li r-rifjut tal-Kummissarju kien inġustifikat, allura seta', "si et quatenus", jadixxi t-tribunali kompetenti, kif għad jista' għall-futur, jekk jidhirlu u jekk għandu l-jedd, jistitwixxi l-azzjoni appożita; imma la darba qabad u kiser il-liġi, allura għandu jieħu l-konsegwenzi, għax hija l-awtorità ġudizzjarja, u mhux iċ-ċittadini, li, fil-każijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza, tista' tikkritika l-att ta' l-awtorità amministrativa. Inutili li l-imputat igħid li hu qiegħed appuntu jitlob li dan it-tribunal jeżamina f'din il-kawża jekk ir-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija kienx ġust jew le; għax apparti li materja simili, almenu in linea ta' massima, u salvi aspetti oħra, hija aktar proprjament tat-tribunal ċivili, f'dan il-każ hemm li l-imputat kiser il-liġi fi kwalunkwe każ, għax dejjem jibqa' li huwa qiegħed il-bandiera bla permess;

Fir-rikors ta' l-appell hemm anki dedott il-gravam ta' l-eċċessività tal-piena; iżda din il-Qorti ma jidhrilhiex li, partikolarment in vista tad-dokument fol. 3, hemm lok li tiġi disturbata d-diskrezzjoni tal-Maġistrat;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li t-terminu ta' tmin ijiem jibda jgħaddi minn nhar it-Tnejn, 23 ta' Frar 1953. Salv kull dritt iehor ta' l-appellant "civiliter", "si et quatenus".